MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1845/2000/1

**Daniela Shaw, mart l-imsemmi Josef Camilleri u legalment separata minnu fid-9 ta' Awissu 2000**

**vs**

**Josef Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-Knisja tal-Immakulata Kuncizzjoni, tal-Ibragg, fil-5 ta' Settembru 1998 (Dok. "A");

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi *inoltre*, il-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kontendenti ssimulaw l-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fil-Knisja tal-Immakulata Kuncizzjoni, tal-Ibragg, fil-5 ta' Settembru 1998 huwa null u bla effett skond il-ligi;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:-

1 Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fil-5 ta' Settembru 1998 huwa null u bla effett legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-11 ta' Jannar 2001 a fol. 11 u 12 fejn gie eccepit:-

(1) Illi quddiem it-Tribunal Metropolitan tal-Arcidjocesi ta' Malta giet milqugha petizzjoni pprezentata mill-eccipjent odjern li permezz taghha qieghed jitlob id-dikjarazzjoni tan-nullita` taz-zwieg tieghu mal-attrici, liema zwieg sar bir-rit Kattoliku u ghalhekk din il-Qorti mhix kompetenti biex tisma' dan il-kaz;

(2) Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghall-premess, filwaqt li l-konvenut jaqbel li l-kunsens tal-attrici nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi

essenzjali tal-hajja mizzewga; il-kunsens tal-istess konvenut kien moghti validament u *in buona fede;*

(3) Illi filwaqt li l-konvenut ukoll jaqbel li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; il-kunsens tieghu ghall-istess zwieg inghata validatament billi da parti tal-istess konvenut tali kunsens ma kienx vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

(4) Illi filwaqt li l-attrici ssimulat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg, il-konvenut ma ghamel l-ebda simulazzjoni;

(5) Illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett skond il-ligi izda biss ghar-ragunijiet fuq imsemmija lkoll imputabbli unikament lill-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u bl-ingunzjoni taghha ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 2001 fejn Dr. Tanya Sammut ghall-attrici tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smiegh filwaqt li Dr. Joseph Azzopardi assocja ruhu fil-patrocinju tal-konvenut. Il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu. Il-Qorti nnominat lil Dr. Deborah Huber biex tigbor il-Provi u tirrelata.

Rat in-nota tal-attrici datata 16 ta' Mejju 2001 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha u dokumenti ohra.
Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju 2001.

Rat in-nota tal-konvenut tal-10 ta' Lulju 2001 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota tal-attrici tad-19 ta' Novembru 2001 fejn biha pprezentat affidavit ta' Dr. Sandra Scicluna Calleja mahluf quddiem in-Nutar Roberta Bisazza.

Rat il-verbali tas-26 ta' Novembru 2001 fejn il-Perit Legali u Dr. Tanya Sammut ghall-attrici nfurmaw lill-Qorti li l-provi nghalqu u li l-Perit Legali tista' tirredigi r-rapport; tat-22 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tat-22 ta' Mejju 2002 u tas-27 ta' Gunju 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia halfet ir-rapport. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) PROVI.

Illi **l-attrici** pprezentat l-affidavit taghha (Dok "DS 1") fejn tispjega li hija ltaqghet ma' Josef Camilleri waqt *training course* tal-Pulizija f'Awissu tal-1995. Kienet iddecidiet li tidhol fil-Korp tal-Pulizija u kienu qeghdin jattendu l-istess klassi. Hija kellha tnejn u ghoxrin (22) sena filwaqt li hu kien sena akbar minnha. Dak iz-zmien l-attrici kienet tohrog ma' certu David Caruana Dingli filwaqt li l-konvenut kien johrog ma' certu Claire Farrugia.

Illi l-attrici tkompli tghid li waqt il-*course* tat-*training* biex jidhlu fil-Korp tal-Pulizija, huma bdew isiru jafu aktar lil xulxin u hemm l-kontendenti hassru r-relazzjoni illi kellhom rispettivament mat-terzi persuni hawn fuq imsemmija. Huma bdew johorgu flimkien f'Dicembru tas-sena 1995.

Illi tghid li wara t-*training course*, hija bdiet tahdem is-*Security Branch,* gewwa il-Kwartieri Generali filwaqt li l-konvenut kien jahdem l-*Administrative Law Enforcement*, gewwa l-Kwartieri Generali stess. Fl-istess *branch* fejn

kienet tahdem l-attrici, kien hemm Spettur (li kien mizzewweg u kellu zewgt itfal), li mieghu kienet tkun f'kuntatt kwotidjan minhabba ragunijiet ta' xoghol.

Illi tixhed li wara l-elezzjoni tal-1996 hija u s-Surgent Marthese Mercieca kienu gew trasferiti go ufficcju iehor fl-istess sezzjoni. Ftit xhur wara l-Ispettur kien jigi jghin lill-attrici f'xoghol ta' *database* li kellu jitlesta malajr u ghalhekk hija kienet tqatta' hafna zmien tal-gurnata hdejh. Huma saru hbieb u bdiet dik ic-certa kunfidenza. Minn semplicement relazzjoni ta' xoghol u hbiberija zviluppaw certi kunfidenzi zejda illi wasslu ghal relazzjoni ntimata mal-Ispettur.

Illi l-attrici kienet tiftah qalba mas-Surgent Marthese Mercieca u l-Ispettur, fuq kollox dwar ir-relazzjoni taghha mal-konvenut. Ukoll meta beda joghgobha certu Jeffrey Cilia li kien ukoll pulizija, dak iz-zmien fl-istess sezzjoni. Dan Jeffrey Cilia kien dak iz-zmien johrog ma' Louise Vella, Surgent.

Illi l-attrici tispjega li dan Jeffrey Cilia sar joghgobha qabel l-elezzjoni tan-1996. Huwa kien jigi diversi drabi fl-ufficju jkellimha. Hija kienet hadet l-impressjoni li tghogbu pero' huwa kien qallha li ma' kellux intenzjonijiet serji u li ma tkunx idea tajba illi hija titlaq lill-konvenut biex tohrog mieghu. Tixhed: *"Jiena nghid illi nonostante l-fatt illi kien joghgobni hafna dan Jeffrey Cilia jiena qatt ma' hrigt mieghu anke jekk kont lesta illi nitlaq lil Josef Camilleri u nhassar ir-relazzjoni tieghi mieghu."*

Illi hija tghid li lill-konvenut kienet infurmatu dwar l-gibda li kellha lejn Jeffrey Cilia u fil-fatt il-kontendenti kienu ser ihassru r-relazzjoni taghhom. Tghid: *"Iggelidna u jiena bzajt li nitilfu minhabba diversi fatturi esterni u cjoe' fosthom illi kont ser nispicca minghajr il-hbiberija tieghu, il-familja tieghi kienu ser ikunu ddispjacuti u minhabba l-fatt illi jiena kont nibza' li nibqa' wahdi. Imma mbaghad meta ghedtlu li kien iddispjacini u li ma nergax inhalli 'l min jigbidni lejh, ghamilna paci u hafirli. Dak iz-zmien jiena ma kellix hbieb peress illi m'ghandix hafna kunfidenza fija nnifsi u nisthi nkun qalb in-nies."*

Illi dwar ir-relazzjoni sesswali tal-kontendenti l-attrici tghid hekk: *"Jiena l-bicca l-kbira ma' kontx inhossni komda meta kont inkun intima ma' Josef Camilleri u konna niggieldu hafna dwar din il-haga, specjalment wara l-1996 meta anke kont nivvinta' l-iskuzi biex nevita illi jkollna mumenti wehidna…. Pero' maz-zmien bdejt inhoss illi kont qed nitratta lil Josef aktar bhala habib u bhala membru tal-familja milli bhala l-boyfriend tieghi."* Fil-mumenti ntimi mal-konvenut rari li kienet thossha kuntenta. Xi drabi kienet thossha qisa qed tigi 'abbuzata' minnu minkejja li kienet taf li hu jhobbha.

Illi l-attrici tghid li fl-ewwel xhur tar-relazzjoni taghha kienet iffissata fuq il-konvenut u kienet tfittex li tkun waheda mieghu. Maz-zmien l-attrazzjoni illi kellha lejn il-konvenut bdiet tmur u bdiet tingibet lejn rgiel ohra, fosthom l-imsemmi Jeffrey Cilia u aktar tard l-Ispettur li kien stazzjonat fil-Branch fejn kienet tahdem.

Illi minhabba l-problemi li sabet ruhha fiha l-attrici kienet kitbet ittra lill-Patri Elija Vella li dak iz-zmien kien iwiegeb ghall-ittri tal-qarrejja tal-magazin *'Familja Kana'*. Meta qrat ir-risposta ta' Patri Vella, hasset dispjacir ghal-fatt li kellha tara' kif tinsa lil Jeffrey Cilia biex forsi r-relazzjoni taghha mal-konvenut tmur ghall-ahjar. Hasset li dan ma kienx '*fair*'. L-Ispettur kien qalilha li ma kienx sewwa thassar mir-relazzjoni mal-konvenut biex tohrog ma' Jeffrey Cilia. Il-konvenut kien jidher tifel sew, *"rasu fuq ghonqu'"* filwaqt li Jeffrey kien ghadu ma jafx xi jrid mil-hajja. Fl-ahhar accettat il-fatt li Jeffrey Cilia ma kienx jghodd ghaliha u pprovat tinsih u taghmel sforz tikkoncentra fuq ir-relazzjoni taghha mal-konvenut. Tixhed li: *"Minkejja dan il-hsieb u l-fatt li s'issa kont certa li ma kienx hemm cans ghal-relazzjoni mieghu, jiena xorta kont niehu gost inkellmu u anke kont lesta li ma noqghodx ma' Josef fil-break jekk kien ser jigi dan Jeffrey Cilia hdejja."*

Illi l-attrici tispjega li l-konvenut sar parti mill-familja u qisu huwa. Hija kienet thossha mdejqa. Fir-relazzjoni taghhom kienu aktar ikunu mdejqin milli kuntenti. *"Ma*

*kontx kuntenta. Xtaqt izjed mill-hajja. Meta mbaghad bdejna naghmlu pjanijiet ghall-engagement dan id-dwejjaq ittaffa ftit ghaliex imbaghad kelli x'nippjana, x'norganizza. Kelli jum kbir x'nistenna. Ix-xoghol kont sirt aktar niehu pjacir milli meta kont niltaqa' ma Josef Camilleri u meta Josef u jiena bdejna nippjanaw biex nitgharrsu, f'dak iz-zmien kont qed inhossni attrattata lejn il-hbiberija u l-karattru ferriehi ta' l-Ispettur."*

Illi l-attrici tixhed hekk: *"Ftit qabel l-engagement, u cjoe' matul is-Sajf tal-1997, jiena u l-Ispettur konna wahedna gewwa l-ufficcju, bhas-soltu nitkellmu, nahdmu u niccajtaw. Minn dakinhar 'il quddiem, u cjoe' anke wara li zzewwigt lill-konvenut, bdiet relazzjoni ntima mal-Ispettur."* Illi tghid li gieli kienet tahseb f'dak li jkun gara' dakinhar stess go l-ufficcju u kienet thossha *guilty*. Xtaqet li kienet onesta mal-konvenut imma b'dan is-sigriet ma setghatx tghidlu. U s'issa l-fatt li kellha *lover* sigriet kien itiha pjacir. Tixhed: *"Jiena l-hbiberija u l-kumpanija tal-Ispettur l-aktar li kont infittex. Meta ma kienx ikun ix-xoghol gieli hassejt in-nuqqas tieghu. Gieli cempiltlu filghaxija meta kont inkun id-dar u hu kien ix-xoghol u hu anke cempilli d-dar xi drabi."*

Illi l-kontendenti tgharrsu f'Lulju tas-sena 1997. Kellhom *reception* id-dar tal-genituri tal-konvenut r-Rabat, Ghawdex.

Illi hija tghid li qatt ma harget mal-Ispettur barra mill-ufficcju. Meta l-Ispettur kien gie ttrasferit id-*Drug Squad* fl-ahhar parti tas-sena 1997 kienet haditha bi kbira. Huwa xorta kien jigi jarani l-ufficcju u konna ncemplu lil xulxin.

Illi l-attrici tispjega li l-ewwel darba li l-konvenut kien semma z-zwieg kien fl-ahhar tan-1997. Hija qaltlu li ma riditx tizzewweg ghalissa u li kien ghadu kmieni. Il-konvenut qalilha li ma kien kmieni xejn ghaliex issa tgharrsu u kellhom jibdew jahsbu ghaz-zwieg. Tixhed: *"Il-konvenut irrabja u qalli li jekk jiena ma kelliex il-hsieb li nizzewweg ghandi nghidlu ghaliex hu ma riedx jahli l-hin tieghu. Hu qal li ried jizzewweg u ried familja u jekk dan jiena ma riedtux allura ghalxejn konna qeghdin flimkien u*

*ghalxejn li tgharrasna. Qalli li hekk imissu jghidilhom lil ommu u lil missieru wara engagement reception bhal dak, id-dar taghhom."*

Illi l-kontendenti kien ukoll akkwistaw post tal-gvern mill-polza ta' l-applikazzjonijiet li kienet harget *il-Housing Authority*. Wahda mil-kundizzjonijiet tal-*Housing Authority* imposta fuq kull min jakkwista post minghandha kienet li x-xerrejja ghandhom jizzewwgu u jibdew jokkupaw il-fond sa sentejn wara li l-fond jigi allokat lilhom. *"Din ahna kkunsidrajniha fil-pjanijiet taghna."*

Illi l-kontendenti ddecidew li jizzewwgu f'Settembru tal-1998. Bdew jahdmu biex jorganizzaw it-tieg u r-*reception* u anke biex ilestu l-post.

Illi tghid li dak iz-zmien hija bdiet tiddejjaq ix-xoghol ghax l-Ispettur ma' kienx ghadu jahdem hemmhekk u kienet thoss in-nuqqas tieghu fuq il-post tax-xoghol. Il-konvenut ma riedx li hija titlaq mill-korp. *"Qalli li jiena persuna nixba minn kollox u rega' qalli li qatt jigi zmien meta nixba minnu wkoll. Kont nidhak imma li kont persuna nixba minn kull 'job' kien veru ghax biddilt u applikajt ghal diversi 'jobs' minn mindu bdejt nahdem."* Minkejja dan, f'April tal-1998 hija rrezenjat mill-pulizija u bdiet tahdem il-bank. Fl-ewwel jiem irrejalizzat bl-izball li kont ghamilt .

Illi l-kontendenti bdew jattendu l-kors ta' Kana u hemmhekk iddecidew li jitkellmu ma' Father Martin Micallef u jaqsmu mieghu l-problema li s'issa kienet baqghet tippersisti bejniethom u li wkoll peress li kien qed joqrob iz-zwieg kienet bdiet tinkwethom u ggeghelhom jargumentaw mhux hazin – in-nuqqas ta' intimita'. Hija spjegatlu li ma kenitx thoss gibdiet jew xewqat sesswali lejn il-konvenut. Father Martin Micallef issuggerixxa li jistennew ftit iehor qabel ma jidhlu ghar-rabta taz-zwieg. Huwa qalilha biex tkellem il-psikologa Alexandra Scicluna Calleja ghax din il-kwalita' ta' problema kienet wahda li tirrekkjedi ghajnuna u *'guidance'* professjonali. Kien qal lill-kontendenti li jekk jaraw li l-problema tippersisti allura ahjar ma jizzewgux.

Illi l-attrici tkompli tghid li Father Martin Micallef ma tantx ghogbitu l-fatt li kienet bidlet ix-xoghol. Qal li dan juri nuqqas ta’ stabbilita` fil-hajja taghha u li ma kenitx matura bizzejjed biex tizzewweg.

Illi hija tixhed hekk: *“Bdejt inhoss li qeghdin jikkonfoffaw bejniethom fuqi u bzajt anke li Father Martin forsi jgerrxu miz-zwieg lill-konvenut u b’hekk ihassar ir-relazzjoni minn mieghi. Ma ridtx anke nimmagina li nispicca wahdi u li nhassar il-pjanijiet kollha minkejja l-fatt li kont naf li kien hemm hafna affarijiet mhumiex sewwa u li kieku l-konvenut kien jaf b’kollox kien jitlaqni.”*

Illi tispjega li Father Martin irrifjuta li jqaddes c-cerimonja taz-zwieg minhabba li l-attrici kellha qabel tmur ghand psikologa rigward il-problemi li kellhom bejnithom. Father Martin irrefera l-kaz lill-kappillan Dun Gorg Dalli, sabiex ikellem lill-attrici. Tghid li: *“… lill-konvenut kont nghidlu li m’ hemmx ghalfejn immur ghand il-psikologa ghax din il-problema wisq probabbli kienet xi haga li nghaddi minnha la nizzewgu.”*

Illi lil Dun Gorg Dalli l-attrici spjegatlu li ma kenitx thossha komda u ma tiehux pjacir meta nkun intima mal-konvenut. Dun Gorg Dalli qalha li ma kellhiex ghalfejn tinkwieta u li dawn il-hsibijiet jghaddu la darba tizzewwgu. Tghid: *“Hu staqsieni kontx inhobbu lil Josef Camilleri. Jiena qisni kont se nigi fid-dubju u ghidtlu li hekk kont nahseb. Qalli: ‘U mela ma thobbux!’ u li dik kienet l-aktar haga mportanti ghax fejn hemm l-imhabba kollox jintrebah. Qalli li l-‘feelings’ tieghi ta’ ‘guilt’ kienu gejjin mit-trobbija tajba li kelli u minhabba l-fatt li fis-socjeta’ taghna relazzjoni sesswali mal-‘partner’ qabel iz-zwieg hija kkunsidrata bhala dnub u haga mhix sewwa. Nghid izda li jiena ma habbejtux u ma kontx lesta nammetti dan il-fatt minhabba l-konsegwenzi li kienu ser isegwu, u cjoe’ li kont nispicca wahdi … jiena kont inhossni ‘marbuta’ mieghu u kont nibza’ li jekk inhassar ir-relazzjoni mieghu ma nsibx iehor ihobbni minhabba f’hekk.”*

Illi tirrakkonta f’Awissu tal-1998, fiz-zmien tal-kors ghat-thejjija ghaz-zwieg, hija regghet bdiet tahdem fil-korp tal-

pulizija. Dak iz-zmien il-kuntatti mal-Ispettur kienu bit-telefon biss. Bdiet xoghol fl-istess dipartiment. L-Ispettur kien issa l-Ispettur ta' l-ghassa l-Belt. Bdew bit-telefonati regolari u gieli kienet idum ma titlaq mix-xoghol. Kien ghad fadal xi hmistax ghat-tieg.

Illi dwar l-istat tal-attrici qabel iz-zwieg tghid hekk: *" Jiena kont konfuza dwar kif ser jirnexxili nitlaq mid-dar ta' ommi w missieri. Imma ghidt li issa li sibt ragel sew, ihobbni u jirrispettani (kif kien jghidli kulhadd) u li diga' kien sar parti mill-familja tieghi mhux sewwa nitilqu. Kont nafdah u kont certa li hu ma jitlaqnix ghal xejn. Meta konna nkunu d-dar kont nara hekk kif il-genituri kienu 'close' ma' Josef Camilleri u jhobbuh u kemm kienu kuntenti jarawna flimkien u kont nghid min jaf kemm jiddispjacihom jekk jispicca kollox fix-xejn. Kont indunajt li mal-familja kont inhossni kuntenta ma' Josef Camilleri u 'proud', imma wahedna ma kien ifisser xejn ghalija. ….. Hassejt li z-zwieg jkun l-ahjar pass ghalija. Forsi jekk inhassar ma' Josef imbaghad jista' ma jigix cans iehor u in oltre lanqas stajt nimmagina li nsib xi hadd ihobbni aktar mill-konvenut. Kelli biza' kbira li nispicca' wahdi. Il-genituri rispettivi taghna kienu kuntenti flimkien u ma ridtx inweggaghhom." Bzajt nitilfu u bzajt li jiddispjacini wara jekk niehu dak il-pass li nhassar ir-relazzjoni".*

Illi l-attrici tghid li sal-ahhar baqghet incerta minnha nfisha. Il-hbieb ta' fuq ix-xoghol kienu qalulha biex ma tizzewwigx. L-Ispettur kien isaqsiha ghaliex kienet se tidhol ghaz-zwieg jekk kienet thossha daqshekk mifxula. *"Jiena kont nghidlu li issa li kollox kien lest ma kontx se nasal biex inhassar kollox u ma ridtx li nispicca wahdi u li l-genituri jiddispjacihom minhabba fija."*

Illi tghid li qabel iz-zwieg, hija kienet qalet lil ommha dwar il-konfuzjoni ta' emozzjonijiet pero' hija kienet qalet li l-konvenut kien tifel sew u ma kellhiex xi tgerger dwaru.

Illi tkompli tghid illi ftit jiem qabel iz-zwieg, meta marru jiffirmaw il-*Public Registry*, l-attrici kienet staqsejt lil certu Tanya Farrugia li tahdem il-Public Registry u accertatha li

sakemm jiffirmaw fil-knisja wara c-ceremonja, hija tibqa' fic-cans li ma tizzewwigtx.

Illi l-kontendenti izzewwgu fil-5 ta' Settembru 1998. L-attrici tghid: *"Jiena kont naf anke waqt li l-qassis kien qieghed izzewwigna, li jiena ma habbejtux lill-konvenut u li ma' kontx inhossni li stajt inkun fidila lejh."*

Illi tghid li wara il-*honeymoon* irrejalizzat li *"kienet timmissja d-dar u l-hajja mal-genituri u mhux li kont qeghda 'looking forward' halli nissettilja u nibda l-hajja gdida mar-ragel."*

Illi matul il-*honeymoon* l-Ispettur gieli hasbet fih. Kien iddispjacija li ma giex la fil-knisja waqt ic-ceremonja u lanqas fir-*reception*.

Illi l-attrici tixhed li fil-hajja mizzewwga aktar kienu ikunu bhala hbieb ma' xulxin milli bhala *partners* intimi li jaqsmu kollox ma' xulxin. Kull cans li jkollha kienet tkun id-dar tal-genituri. Hin ma' xulxin ftit li xejn kienu jaqsmu u meta johorgu bilkemm jitkellmu.

Illi tixhed: *"Kien jiggieled mieghi ghaliex jiena ma' ridtx tfal. Ma stajtx nimmaginani bit-tfal u ma kontx lesta naghti l-attenzjoni tieghi lil xi tarbija. Ridt inkun komda… Ma' Josef Camilleri sirt biss qisni 'flat mate', nghixu flimkien minghajr ma' jkollna la relazzjonijiet intimi u lanqas konverzazzjonijiet komuni. Konna qisna hbieb u mhux koppja mizzewga."*

Illi l-attrici tikkonferma li r-relazzjoni taghha mal-Ispettur kompliet anke wara z-zwieg u damet ghaddejja sa Novembru 1999.

Illi tghid li f'dak iz-zmien hija bdiet tuza l-*internet* ghac-*chat lines* u kienet tqatta' hafna hin hemm minghajr kaz tad-dar, il-facendi jew il-konvenut. Hemm iltaqghet ma' Tork li llum ghandha relazzjoni mieghu.

Illi tispjega li bdiet tattendi ghand il-psikologa Alexandra Scicluna Calleja li qaltilha li ma kenitx matura bizzejjed li tizzewweg .

Illi l-attrici tixhed li f'Dicembru 1999 hija telqet mid-dar matrimonjali: *"… issa li kont wahdi u li kont free"*.

Illi l-attrici xehdet in kontro-ezami fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2001 u tghid li hija dejjem kienet tibza' li jkollha t-tfal u aktar ma ghadda z-zmien aktar assikurat ruhha li ma rieditx tfal, u xi ftit xhur wara z-zwieg tal-kontendenti hija kienet infurmat lill-konvenut b'dan. Hija kellha biza' mit-tqala u ma rieditx tkun *"tied down".*

Illi rigward r-relazzjoni sesswali li kellha ma' ragel iehor qabel iz-zwieg hija tghid: *"… ghalkemm xtaqt illi wara z-zwieg ma' Josef jiena nieqaf minn din ir-relazzjoni sesswali kont naf 'deep down' illi ma kontx sejra jew nista' nieqaf."* Hija tghid li din ir-relazzjoni ma' l-Ispettur Godfrey Scicluna kienet frekwenti tul ir-relazzjoni taghha mal-konvenut sa gimghatejn qabel z-zwieg. Xi gimghatejn wara z-zwieg tal-kontendenti l-attrici regghet kompliet r-relazzjoni taghha ma' Godfrey Scicluna liema baghqet sejra sa meta l-kontendenti sseparaw.

Illi bhala karattru l-attrici xehdet li thobb tbiddel hafna in-natura tal-impjieg taghha. Fil-fatt mhux biss xoghol izda anke r-religjon taghha; qabel kienet Kattolika u llum saret Musulmana. Hija tghid: *"A life long commitment u rabta ddejjaqni."*

Illli **l-konvenut** ipprezenta l-affidavit tieghu (Dok "JC1") u jirrakkonta kif iltaqa' mal-attrici. Jghid li lill-attrici dejjem kien isaqsiha dwar xi kunfidenzi jew tentazzonijiet fuq il-post tax-xoghol. Hija dejjem kienet tinsisti li ma kien hemm xejn. Il-konvenut kien jafdaha.

Illi dwar ir-relazzjoni sesswali, il-konvenut kien hass li hemm problemi. L-attrici kienet tingibed lura mis-sess bejniethom u tghidlu *"I can live without sex."*

Illi l-konvenut jixhed li l-attrici kienet spiss titkellem fuq certu Godfrey Sciciluna, Spettur li kien jahdem maghha.

Illi huwa ikompli jghid li l-gherusija sehhet f’Lulju 1997 u xi xhur wara huwa kien semma zwieg lill-attrici. Huwa jghid: *“.... hi ma tantx donnha hassitha kunfidenti li tizzewweg izda meta ghidtilha li jien ma kellix hin x’nitlef jekk hi ma kellha qatt hsieb li tizzewweg, wara hi accettat.”*

Illi l-konvenut jixhed dwar il-laqgha li kellhom il-kontendenti ma’ Father Martin Micallef, li kien qalilhom sabiex jipposponu z-zwieg minhabba l-problema li kellhom il-kontendenti fl-intimita’ bejniethom. Wara l-attrici kienet kellmet lil Dun Gorg Dalli li qalilha li l-problema kienet tghaddi la darba jizzewwgu. Hawnhekk il-konvenut accerta ruhu li l-problema kienet ser tispicca maz-zwieg tal-kontendenti.

Illi l-konvenut jghid li l-attrici kienet insistiet li tisdieden lil Godfrey Sciciluna ghat-tieg, ghalkemm huwa kien oppona ghalih.

Illi wara iz-zwieg tal-kontendenti, huwa jghid li tul is-sena li damu jghixu flimkien *“Daniela kienet sajret biss xi sitt darbiet, ix-xirja kont qed naghmilha jien u t-tindif fid-dar kien isir mill-anqas …. Daniela bdiet tinsisti li ma tridx tfal ghax qalet li dawn johdulha l-hin kollu taghha.”* Jghid li hija kienet iddedikat ruhha ghal *jogging*, dieta u *chatting fuq l-internet* u huwa qisu ma jezistix.

Illi l-konvenut xehed fis-seduta tat-18 ta’ Gunju 2001 fejn stqarr li huwa ma kienx jaf bir-relazzjoni li kellha l-attrici u li kieku kien jaf ma kienx jizzewwigha.

Illi xehed in kontro-ezami fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2001 fejn xehed li huwa kien semma l-idea ta’ zwieg mal-attrici. Hija bdiet issib skuzi u ma wrietx entuzjazmu. Jghid li meta l-kontendenti tkellmu ma’ Father Martin, il-konvenut ma xtaqx jipposponi ghaliex diga’ kellhom il-preparament tat-tieg kollha lest. L-attrici kienet accertatu li hija kienet ser tmur ghand il-psikologa li irrikmanda Father Martin. L-attrici dejjem sabet xi skuza ghalfejn ma

tmurx imbaghad kienet infurmat lill-konvenut li ma kelliex ghalfejn tmur ghaliex hija kienet qed thossha tajba.

Illi huwa ikompli jixhed li l-problema tar-relazzjoni sesswali tal-kontendenti regghet bdiet wara ftit zmien ta’ zwieg.

Illi fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2001 xehed **Father Martin Micallef** (li gie awtorizzat jixhed mill-partijiet skond Dok “MM1”). Jghid li huwa kien qassis fil-Parocca tal-Ibragg u l-kontendenti kienu attendew il-kors tal-gharajjes ta’ Kana. Huwa kien kellem lill-partijiet fuq problema li kellhom fir-relazzjoni sesswali taghhom u l-attrici ma kenitx thossha attirata lejn il-konvenut. Meta kellem lill-attrici hija cahdet li kien hemm persuna ohra nvoluta. Huwa kien issuggerrixxa lill-partijiet sabiex iwaqqfu r-relazzjoni taghhom, izda t-tnejn dehru li ma riedux jaghmlu hekk. Huwa ghalhekk kien issuggerrixxa li l-attrici tmur tara psikologa. Fil-fatt jikkonferma li l-attrici qatt ma marret ghand Dr. Sandra Scicluna Calleja qabel iz-zwieg, ghaliex kienet igieb hafna skuzi.

Illi x-xhud ikompli jghid li huwa kien kellem lill-kancillier tal-knisja li qallu li fil-fehma tieghu z-zwieg ahjar ma jsirx ghaliex *“dan iz-zwieg zgur ma jirnexxix.”* Wara l-Kapillan Dun Gorg Dalli kien tkellem mal-partijiet u ma sabx problema. Il-kontendenti kien gew jinfurmaw lix-xhud li kienu sejrin jizzewwgu u kienu kuntenti b’dan. Ix-xhud jghid li huwa xorta wahda ma kienx konvint li z-zwieg kien sejjer jirnexxi.

Illi l-attrici pprezentant rapport tal-psikologa **Dr. Sandra Scicluna Calleja** datat 10 t’Ottubru 2001 (Dok “DS2”), fejn tghid li l-attrici marret ghandha f’Ottubru 1999. Tghid li l-attrici tbaghti minn biza’ qawwija, fosthom relazzjonijiet: *“Daniela spiss sabet ruhha tiehu passi fil-hajja li ma kienux dawk li xtaqet hi, izda li qalilha haddiehor.”* Tispjega li l-attrici ghadha ma zviluppatx bizzejjed psikologikament biex tkun kapaci tikkommetti ruhha ghaz-zwieg.

**<u>(B) KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-attrici fil-premessi tac-citazzjoni taghha qed tattribwixxi n-nullita` taz-zwieg in ezami fuq dawn il-bazi:-

(a) Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

(b) Illi, inoltre, il-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

(c) Illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg;

Illi l-**Att dwar iz-Zwieg (Kap 255), fl-artikolu 19(1)** jipprovdi li hemm kaz ta’ annullament taz-zwieg jekk:-

*(a) “jekk il-kunsens ta xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’;*

*(d) il-kunsens tal-partijiet, jew ta’ xi wahda minnhom, kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoniijiet essenzjali taz-zwieg; u / jew*

*(f) il-kunsens ta’ wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u / jew;*

(h) *Wahda mill-partijiet ma kellhiex, fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg”.*

Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, din giet irtirata mill-istess konvenut f’seduta quddiem dina l-Onorabbli Qorti u ghalhekk l-esponenti tista’ tirrelata dwar it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut.

Illi mill-provi migbura jirrizulta li ma hemm xejn x'wiehed jiccensura fil-kunsens matrimonjali tal-konvenut, anzi jidher li gie ghal kollox ingannat mill-attitudini u komportament tal-attrici li dejjem insistiet mieghu li ma kellhiex relazzjonijiet ma haddiehor fiz-zmien li kienet mieghu; fil-fatt kif fuq espost u kif il-Qorti ser tikkumenta aktar 'il quddiem, l-attrici kellha relazzjonijiet anke ntimi ma' terzi persuni anke qabel l-istess zwieg, u tammetti li ma kenitx thobb lill-konvenut.

Illi min-naha l-ohra fir-rigward tal-attrici, mill-provi migbura jirrizulta:-

(a) Immaturita' fil-karattru tal-attrici. Kienet spiss tbiddel l-generu ta' xoghol. Hija kkonvertit minn Kattolika ghal Musulmana. Hija kienet tingibed b'certa fissazzjoni lejn terzi tul ir-relazzjoni taghha mal-konvenut tant li anke kellha relazzjonijiet ma' whud minnhom (Jeffrey Cilia, Godfrey Scicluna u "Tork"). Hija tghid li *"'life long commitment' u rabta ddejjaqni."* Imbaghad wara z-zwieg iffissat fuq dieta, *jogging* u *chatting* fuq *l-internet* minghajr hsieb fuq tisjir, tindif tad-dar jew xiri ta' affarjiet.

(b) Nuqqas ta' fedelta' konsistenti tul ir-relazzjoni taghha mal-konvenut. Hija kellha relazzjoni ntima ma' Godfrey Scicluna tul l-eghurisja taghha mal-konvenut. Din ir-relazzjoni kienet tezisti qabel iz-zwieg u kompliet gimghatejn wara z-zwieg sakemm isseparaw il-kontendenti. L-attrici kienet konvinta li qatt ma setghet tkun fidila lejn il-konvenut: *"ghalkemm xtaqt illi wara z-zwieg ma' Josef jiena nieqaf minn din ir-relazzjoni sesswali kont naf 'deep down' illi ma kontx sejra jew nista' nieqaf."*

(c) Rifjut tal-attrici li jkollha tfal ghaliex qalet li dawn johdulha l-hin kollu taghha u ma rieditx tkun *"tied down"*.

(d) Il-problema fir-relazzjoni sesswali tal-kontendenti minhabba n-nuqqas ta' attrazzjoni fizika li kellha l-attrici lejn il-konvenut: *"… kont qed nitratta' lil Josef aktar bhala habib u bhala membru tal-familja milli bhala l-'boyfriend' tieghi."* Imbaghad wara z-zwieg kienet tikkunsidrah bhala

*"flat mate"*. Din il-problema giet ampjament trattata qabel iz-zwieg, tant li x-xhud, Father Martin Micallef baqa' mhux konvint li z-zwieg tal-kontendenti kien sejjer jirnexxi.

Illi huwa car li l-attrici ssimulat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg. L-awtur ***JR Keating*** jghid li biex iz-zwieg ikun validu *"when giving the consent the person must have enjoyed the degree of phychological freedom which is necessary and sufficient to ensure his basic powers of choice."*

Illi fis-sentenza **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"** P.A. (N.A.) 31 ta' Dicembru 1996) gie ddikjarat li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, esternament u b'att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi fis-sentenza **"Thomas Azzopardi vs Mary Azzopardi"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Dicembru 1996) gie kkunsidrat l-kaz *"… ta' min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu jkun fil-fatt qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg."*

Illi fil-fatt saret riferenza ghal dak li jsostni l-gurista ***Castano***, fejn jghid li l-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' ntenzjoni jew in-nuqqas ta' kunsens dwar iz-zwieg jew dwar xi elementi essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta' *ossia* ntenzjoni pozittiva li teskludi dak iz-zwieg, jew dak l-element essenzjali.

Illi f'din l-kawza, l-istess Qorti rriferit ukoll ghal dak li gie ritenut mit-Tribunal Regjonali ta' *Halifax (Canada)* fis-sentenza tat-23 ta' Gunju 1977 **coram *Morrisey*** (u riportata f'**"Documentation II on Marriage Nullity Cases", *Hudson, J.E*.** (ed., Ottawa - St. Paul University- 1979, p. 136)

*"In addition, we should mention that the law clearly states … that a positive act of will is required for an intention to exert an influence on matrimonial consent. However, it is not necessary that the act of exclusion be explicit; an implicit act would sufficeas a basis for an invalidating simulation of marital consent. Furthermore, it is not necessary that the positive act required for simulation be actual; a virtual intention contrary to the essence of marriage would suffice to render the consent invalid by reason of simulation."*

Illi fost l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga fid-dritt taghna hemm dak tal-fedelta' (ara **"Anna Galea vs John Walsh"** deciza 30 ta' Marzu 1995).

*"Biex wiehed jara jekk parti jew ohra fiz-zwieg eskludietx, b' att pozittiv kif fuq imfisser, dan l-element essenzjali fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, wiehed irid jara mhux biss id-dikjarazzjonijiet ossia konfessjonali maghmula a tempo vergine minn parti jew minn ohra, izda ukoll – u forsi aktar importanti – ic-cirkostanzi kollha antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghaz-zwieg."* (ara **"Thomas Azzopardi vs Mary Azzopardi"** deciza fis-16 ta' Dicembru 1996).

Illi l-Qorti taqbel mal-Perit Legali fil-konkluzjoni taghha *"li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, l-attrici kienet qed teskludi b'att pozittiv tal-intenzjoni taghha l-element ta' fedelta'. Hija baqghet f'relazzjoni ntima ma' Godfrey Scicluna qabel u ezatt wara z-zwieg b'mod li hija ma setghatx tikkommetti ruhha b'mod serju u responsabbli ghall-obbligi matrimonjali li kienet qed tassumi. L-attrici zzewwget lill-konvenut minhabba l-biza' kbira li kellha li ma ssibx lil haddiehor ihobbha u tispicca wahedha u kif ukoll ghaliex ma rieditx thassar il-pjanijiet u tkun dizappunt kemm ghall-konvenut u wkoll ghall-genituri taghha".*

Illi certament dan kollu jissodisfa l-bazi tat-talba attrici ghall-annullament taz-zwieg kemm skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d)** minhabba li l-kunsens tieghu kien affett b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq

il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali taghha tant li l-element ta' mhabba kien ghal kollox nieqes mill-attrici fil-konfront tal-konvenuta, li waslet sabiex titraddih waqt l-istess zwieg, u kemm skond dak stipulat fl-**artikolu 19 (1) (f)** *stante* li l-attrici bir-relazzjoni li kellha sa minn qabel iz-zwieg eskludiet pozittivament l-element ta' lealta' lejn zewgha fil-hajja mizzewga, u dan bl-aktar mod car u palez possibbli.

Illi hawn japplika dak li nghad fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) u cjoe':-
*"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Mario Testa vs Louise Testa Polster"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) fejn inghad li:-

*"fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja` mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi ghall dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A.(NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-

element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied.* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjioe' l-imhabba konjugali u r-responsabilta' tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubilta' taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. Edwards Hudson** (op.cit p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi dan kollu japplika ghall-kaz *de quo* u kif inghad fis-sentenza **"Carmelo Farrugia vs Josephine Haber"** (P.A. (RCP) 26 ta' Novembru 2002) jidher mill-provi li l-attrici qatt ma kellha l-intenzjoni u wisq inqas tat il-kunsens taghha sabiex verament tidhol fir-rabta ta' zwieg veru mal-konvenut, u dan peress li huwa qatt ma kien

intenzjonat li joqghod ghar-regoli u precetti tal-istess zwieg, u dan mill-mument li hija ltaqghat mal-konvenuti, fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg, u dan baqa' konstanti sal-mument li z-zwieg sfaxxa b'infedelta' taghha, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** u minhabba l-premess din il-Qorti ma ghandhiex bzonn tidhol ghall konsiderazzjonijiet ulterjuri fuq l-istess **Att taz-Zwieg.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma nkompattibbli ma' din id-decizjoni, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-
(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fil-5 ta' Settembru 1998 huwa null u bla effett legali u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru 2002**